IS-SABIĦ U L-IKRAH

Sabiħa l-arja li tagħtina l-ħajja;
sabiħ id-dawl u sbieħ l-ilħna u l-ilwien;
sabiħ in-nar, u l-ilma; sbieħ il-qtajja'
ta' tjur u dbejjeb jiġru kullimkien.

Sabiħa d-dinja bin-niżliet u t-tlajja'
b'dehriet jitbiddlu dejjem tul iż-żmien;
tal-baħar u ta' l-art sabiħa l-ġrajja;
sabiħa x-xemx, sultana tal-ħolqien !

Iżda fuq kollox l-isbaħ jibqa' l-bniedem
li ġie maħluq bi xbieha tal-Mulej,
Li żejnu b'għerf u b'għaqal kif imiss.

Sabiħa dik li dejjem ma jafx x'ġej;
sabiħa t-tewba li tibagħtu niedem
quddiem id-Din. Il-kruha fil-mewt biss !

ERIN SERRACINO-INGLOTT

25-11-39